# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru   22**

**Avviz  numru  550/01/SM**

**MD Trucking Limited**

**vs**

**Joseph Pitre**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex tikkundannah:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu (LM344.80,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minnu lil MD Trucking Limited in kwantu ghal servizzi ta' trasport provdut lilu u dana fuq inkarigu tieghu stess;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti hallas l-ammont kollu dovut in konnessjoni mas-servizzi rezi mis-socjeta' attrici u inoltre, l-istess servizzi resi kkagunaw danni lill-eccipjenti, li gew debitament rimborsati lilu, kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici qed tirrikjama l-ammont minnha ndikat fl-avviz odjern ghas-servizzi minnha rezi lill-konvenut u li taghhom baqghet ma thalsitx;**

**2. Illi nonostante l-fatt li baghtet l-invoices appoziti fejn indikat dettaljatament r-ragunijiet ghal dan il-pagament, il-konvenut baqa' inadempjenti u konsegwentement kellha tittiehed din il-procedura;**

3. Illi l-konvenut isostni li l-ammont mitlub hu wiehed ezorbitanti meta wiehed jikkonsidra l-kwantita' zghira ta' merkanzija involuta;

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li t-talba attrici hi gustifikata u timmerita konferma;**

**Illi in oltre, l-istess socjeta' attrici tindika dettaljatament ir-ragunijiet ghall-ammont minnha mitlub u din il-qorti ma ssib xejn ticcensura fih;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u erba' u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM344.80,0) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mill-ittra ufficcjali datata l-1 ta' Novembru tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**